KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2466

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 164 tas-6 ta' Novembru 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**ADVISORY COST LIMIT**

**24. L-ONOR. REBEKAH BORG tistaqsi lill-ISPEAKER:** Jista' l-Ispeaker jgħid jekk hemmx intenzjoni li jiżdied l-ammont tal-advisory cost limit, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-impatt tal-inflazzjoni u ż-żieda ġenerali fl-għoli tal-ħajja, u li allura dak li seta' kien limitu raġonevoli fil-passat jista' ma jibqax ikopri l-istess livell ta' spejjeż illum il-ġurnata? Jista' jgħid kemm saru mistoqsijet parlamentari f'dawn l-aħħar tliet leġiżlaturi li r-risposta għalihom kienet li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit?

24.10.2023

**SPEAKER (ONOR. ANĠLU FARRUGIA)**: Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-rulings mogħtija f'Seduta 365 tas-7 ta' Marzu 2016 kif ukoll f'Seduta 419 tal-25 ta' Jannar 2021 li kienu relatati mat-tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari li jeċċedu l-advisory cost limit. Fil-*Guide to Parliamentary Work tal-Cabinet Office* tar-Renju Unit datat 2018 (imsemmi fir-ruling) ingħad illi:

> *"There is an advisory cost limit known as the disproportiante cost threshold which is the level above which departments can decide not to answer a written question. The current disproportionate cost threshold is £850 (from 8 February 2012); the limit does not apply to oral questions"*

Minn dakinhar li ngħata r-ruling fuq ċitat, ħarġet kopja aktar riċenti tal-*Guide to Parliamentary Work tal-Cabinet Office* tar-Renju Unit, datata Novembru 2022, fejn fiha ċ-ċifra msemmija baqgħet ta' £850.

Għar-rigward tat-tieni mistoqsija, ninforma lill-Onor. Interpellant li fit-12-il Leġiżlatura, ma kien hemm l-ebda mistoqsija parlamentari li risposta tagħha ma ngħatatx minħabba li kienet taqbeż l-advisory cost limit. Fit-13-il Leġiżlatura, kien hemm tliet mistoqsjiet parlamentari li risposta għalihom ma ngħatatx peress li kienet taqbeż l-advisory cost limit. Fl-14-il Leġiżlatura s'issa kien hemm 55 mistoqsija parlamentari li ma ngħatawx minħabba li jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 164
06.11.2023